**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416101 FAX : 21416941**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Urġenti Numru 86

Data tal-laqgħa: L-Erbgħa 13 ta' Frar 2019

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Magda Magri Naudi – Sindku
Stephanie Cutajar– Viċi Sindku
Massimo Scerri – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Salvu Farrugia – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b`apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia– Deputat Segretarju Eżekuttiv (Deputat SE)

## Minuti

Is-Sindku Magda Magri Naudi, ippresediet il-laqgħa.

### 86.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

86.1.1 Ma kienx hemm ittri ta` apoloġiji.

### 86.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti Finanzjarji

86.2.1 L-*accountant* tal-Kunsill, kienet preżenti biex tippreżenta d-dokumenti u tagħti xi spjegazzjonijiet u tirrispondi xi mistoqsijiet li jkollhom il-Kunsilliera.

86.2.2 Is-Sindku stiednet lill-*accountant* biex tispjega r-Rapport Finanzjarju għas-sena 2018.

86.2.3 L-*accountant* spjegat fid-dettall id-dħul u l-ispejjeż li kellu l-Kunsill għas-sena 2018. L-*accountant* spjegat li fuq Direttiva tad-Dipartiment għall-Kunsilli Lokali, minn din is-sena d-*depreciation* bdiet tiġi kkalkulata fuq *staight line method* minflok *reducing balance method*.

86.2.4 Qalet ukoll li l-Kunsill għalaq b'*surplus* ta' €47,831.

86.2.5 Il-Kunsill flimkien mal-*accountant* komplew jiddiskutu dan ir-rapport fejn fost affarijiet oħra issemmiet il-kirja tal-uffiċċju u l-fatt li l-Kunsill qatt ma kellu kutratt tal-istess kirja.

86.2.6 Is-Sindku spjegat li, bl-approvazzjoni tad-Direttur Ġenerali, il-Kunsill ser jiffirma kuntratt ta' kirja għall-sentejn, b'kirja ta' €700 fix-xahar sal-aħħar ta' Ġunju 2019 u €1,000 fix-xahar minn wara Ġunju 2019. Il-Kunsilliera kollha qablu li jiġi ffirmat il-kuntratt.

86.2.7 Fuq proposta tal-*Minority Leader* Lorraine Farrugia, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Stephanie Cutajar, ir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2018 ġie approvat unanimament mill-Kunsill.

### 86.3 Tmiem tal-laqgħa

86.3.1 Il-laqgħa ntemmet fil-5.35pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 26 ta' Frar 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Magda Magri Naudi | Doriette Farrugia |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |